MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LORRAINE SCHEMBRI ORLAND

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2014

Rikors Numru. 1924/2013/2

**Paola Cassar (ID 781436M)**

**vs**

**Joseph Zammit (ID 355944M)**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta’ Paola Cassar (ID 781436M) datat 6 ta’ Marzu 2014, fejn esponiet: -

Illi l-esponenti kienet talbet u fl-20 ta’ Jannar 2014, ottjeniet il-hrug tal-Mandat ta’ Inibizzjoni Nru 1924/2013 fil-konfront ta’ Joseph Zammit.

Bis-sahha ta’ tali Mandat Joseph Zammit gie inibit minn din l-Onorabbli Qorti milli personalment jew *tramite* terzi, inkluzi kuntratturi tal-bini, jkompli jiskava, jibni, jew altrimenti jaghmel xoghlijiet ta' kwalsiasi natura fl-ghalqa imsejha "Tar-Rampa" fi Triq il-Palazz l-Ahmar, Santa Venera, liema ghalqa tinsab fil-pussess ta' u kultivata mir-rikorrenti b'titolu ta' qbiela.

Illi l-imsemmi Mandat, meta gie milqugh provvizorjament, kien gie debitament notifikat lil u ezegwit fil-konfront tal-intimat.

Illi r-rikorrenti ressqet fil-konfront tal-intimat il-pretensjonijiet u konsegwenti talbiet taghha permezz tar-Rikors mahluf prezentat kontestwalment fl-ismijiet premessi.

Illi l-intimat injora ghal kollox id-divjet impost fuqu minn din l-Onorabbli Qorti u kompla jaghmel xoghlijiet imsemmija fl-ghalqa bi ksur tal-ordni superjuri ta' din l-Onorabbli Qorti, u ghad-detriment tar-rikorrenti.

Illi fic-cirkostanzi hu mehtieg li jittiehdu mmedjatament fil-konfront tal-intimat dawk il-proceduri necessarji sabiex dan jigi mgieghel jieqaf mix-xoghol ta' skavar, bini jew altrimenti jaghmel xoghlijiet ta' kwalsiasi

natura fl-ghalqa imsejha "Tar-Rampa" fi Triq il-Palazz l-Ahmar, Santa Venera.

Illi l-kaz li ma jigux adottati l-provvedimenti opportuni sabiex l-ordni ta' din l-Onorabbli Qorti tigi obduta u osservata mill-intimat, jigri li l-istess intimat ikompli ghaddej indisturbat bix-xoghlijiet sal-punt meta l-kostruzzjoni tkun lesta u *ormai* ikun tard wisq ghar-rikorrenti sabiex tissalvagwardja d-drittijiet taghha.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti *in vista* tal-premess titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiehu, fil-konfront tal-intimat dawk il-provvedimenti opportuni sabiex jigi assigurat li l-istess intimat jobdi l-ordni superjuri ta' din l-Onorabbli Qorti kif moghtija minnha fl-atti tal-Mandat ta' lnibizzjoni fuq riferit, sabiex b'hekk jigi assigurat li l-istess intimat ma jkomplix jagixxi in disprezz ta' din l-Onorabbli Qorti, u in vjolazzjoni tad-drittijiet tar-rikorrenti.

Rat ir-risposta  ta’ Joseph Zammit KI 355944M datata 18 ta’ Marzu 2014 (fol 4) fejn espona : -

Illi l-esponenti huwa sid ir-raba’ mertu tal-kontestazzjoni.  Illi huwa minnu li l-imsemmija art tinsab fuq konvenju li ghamel l-esponenti lil Emanuel Spiteri. llli l-esponenti huwa stess poprio ma' ghamel qatt ebda xoghol fl-imsemmi raba’ anzi huwa bil-kemm jersaq l' hemm u dana kif xehed f’dawn il-proceduri stess;

Illi minn qabel ma gie intavolat ir-rikors ta' mandat ta' inibizzjoni odjern, l-imsemmi Spiteri kien dahhal fil-parametri tal-art 'tower crane' liema

‘tower crane' qed jigi uzat mhux fl-art mertu ta' dana r-rikors u digriet izda sabiex ilahhaq f’ *plots* ohra li jinsabu kontigwi ghal din l-art u li ma ghandhom x'jaqsmu xejn mal-arti in kontestazzjoni;

Illi ghalhekk bid-dovut rispett l-esponenti jikkontendi li certament huwa mhux qed jaghmel xejn li jmur kontra l-ordni kif moghtija u anke l-imsemmi Spiteri bl-azzjoni tieghu mhux qed jostakola jew b'xi mod jisfida l-Awtorita` ta' dina l-Onorabbli Qorti. Illi bid-dovut rispett l-esponenti jikkontendi li r-rikorrenti qed jaraw x'jivvintaw sempliciment ghaliex l-istess ma waqax ghan-nasba taghhom li jhallashom biex ma jibqghux jivvintaw pretenzjonijiet fuq l-imsemmija art;

Tant ghandu x'jissottometti l-esponenti ghal ghaqli gudizzju ta' dina l-Onor. Qorti.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-24 ta’ Marzu 2014 fejn gie appuntat ir-rikors ghas-smigh ghas-seduta tat-3 ta’ April 2014 fil-11.00 a.m., u l-Qorti ordnat komunika ta’ dan id-digriet lid-difensuri tal-partijiet.

Rat il-verbali tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti nkluz dak tas-seduta tal-15 ta’ Lulju 2014 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Carl Grech ghar-rikorrent. L-intimat u Dr Edward Gatt imsejhin tliet darbiet ma dehrux. Peress li d-differiment tal-1 ta’ Lulju 2014 kien xorta wahda ghas-seduta tallum, il-Qorti ghalhekk irrevokat *contrario imperio* d-digriet ta’ rikjamar billi dan hu sorvolat, u ghall-konsegwenzjali notifka tal-intimat qieset li hu diga` mgharraf bis-seduta tallum, u ordnat li Georgette Ferranti terga’ tinstema’ u taghti x’ xhieda taghha, liema xhieda kienet diga` inghatat fis-seduta tal-1 ta’ Lulju 2014 fejn la l-intimat u lanqas id-difensur tieghu, ghalkemm debitament infurmati ma dehrux. Xehdet

Georgette Ferranti, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-kawza giet differita ghal digriet ghat-30 ta’ Settembru 2014.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi dan ir-rikors qed isir peress li r-rikorrenti qed issostni li fil-perjodu sussegwenti ghall-hrug tal-Mandat ta’ Inibizzjoni permezz tad-digriet tal-20 ta' Frar 2014 l-intimat xorta injora ghal kollox id-divjet impost fuqu minn din il-Qorti u kompla jaghmel xoghlijiet fl-ghalqa. Titlob ghalhekk li jittiehdu l-proceduri necessarji sabiex l-intimat jigi imgieghel jieqaf mix-xoghol ta' skavar, bini jew altrimenti milli jaghmel xoghlijiet ta' kwalsiasi natura fl-ghalqa in mertu.

Illi fir-risposta tieghu l-intimat oppona ghat-talba. Qal li l-art hu oggett ta' att ta' konvenju izda hu qatt ma ghamel ebda xoghol fir-raba' imsemmija u bil-kemm jersaq l'hemm. Spjega li l-kontraent fuq il-konvenju, Emmanuel Spiteri, kien dahhal *tower crane* fl-art tal-intimat izda dan kien qabel il-hrug tal-mandat u x-xoghlijiet li qed jigu esegwiti mit-*tower crane* mhumiex fir-raba' in kwistjoni imma f'*plots* ohra kontigwi ghall-istess. Ghalhekk hu mhu qed jaghmel xejn kontra l-ordni kif moghtija minn din il-Qorti u cahad ukoll li Spiteri qed jostakola jew jisfida l-istess ordni.

Ikkonsidrat li fl-20 ta' Frar 2014 din il-Qorti kif attwalment presjeduta laqghat it-talba tar-rikorrent ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimat sabiex l-intimat personalment jew *tramite* terzi, inkluzi kuntratturi ta' bini, jigi inibit milli jkompli jiskava, jibni jew altrimenti jaghmel xoghlijiet ta' kwalsiasi xorta fl-ghalqa imsejha "*Tar-Rampa"* fi Triq il-Palazz l-

Ahmar, Santa Venera, u dan in kawtela tal-jeddijiet minnha vantati naxxenti minn titolu ta' qbiela.

Illi bir-rikors odjern, ir-rikorrenti ghandha, bhala punt ta' fatt, tipprova li b'fatti li sehhew wara l-hrug tal-mandat premess, l-ordni ta' din il-Qorti giex ivvjolat jew le.

## **Il-Provi**

Il-provi jikkonsistu fix-xhieda *viva voce* ta' Georgette Ferranti u ta' Emmanuel Spiteri, oltre l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni u diversi ritratti esebiti f'dawk l-atti u fil-proceduri odjerni. L-intimat ma xehdex f'dawn il-proceduri ghalkemm kien xehed fl-atti tal-mandat.

Mix-xhieda ta' **Georgette Ferranti**[1] johrog car li l-ilment tar-rikorrenti hija indirizzata lejn l-operat ta' *tower crane* li hu imwaqqaf fl-ghalqa fil-pussess ta' ommha li tkompla anke wara li inhareg il-mandat. Hi esebiet sensiela ta' ritratti li juru t-*tower crane,* u l-*bajla* tal-*crane* f'diversi posizzjonijiet differenti, xhieda tal-fatt li kienet baqghet tintuza.

Xehdet ukoll li saret grada fl-ghalqa imsemmija, imsakkra b'katnazz, liema grada u katnazz ma kienux istallati minn ommha imma mit-terzi li qed ihaddmu l-*crane.*

Ir-ritratti esebiti gew migbuda mix-xhud wara l-hrug tal-Mandat. Dwar id-data stampata fuq uhud minnhom li jindika is-sena 2012, ix-xhud spjegat

[1] Xhieda quddiem din il-Qorti fil-15 ta' Lulju 2014

li is-*setting* kien skorrett u difatti x-xoghlijiet lamentati lanqas kienu nbdew fis-sena 2012. Ikkonfermat li dawn ir-ritratti kollha ngibdu fis-sena 2014, meta l-mandat inhareg fi Frar 2014. Il-Qorti m'ghandhiex ghalfejn tiddubita dwar din l-ispjegazzjoni li hija korrobarata wkoll mir-ritratti esibiti fl-atti tal-Mandat u qed taccettaha bhala veritiera.

Esebiet ritratt ta' vann diehel fl-ghalqa in kwistjoni(**GF11**), u ritratti li juru grada ghall-ghalqa maghluqa b'katnazz (**GF1 u GF12**), liema grada ma saritx mir-rikorrenti.

Riferibbilment ghall-*crane* fuq mistoqsija tal-Qorti, ix-xhud xehdet li meta bdew il-kawza "l-*crane ma kienx ghadu tpogga fl-ghalqa."* Izda dan hu kontradett mir-ritratti esebiti mir-rikorrenti stess fl-atti tal-Mandat li juru l-*crane* gja posizzjonat fl-ghalqa.

Ix-xhud **Emmanuel Spiteri**[2] kkonferma li l-*crane* fir-raba' in kwistjoni hija ta' kuntrattur li qed jahdem fuq il-bini tal-istess xhud. Riferibbilment ghall-grada rrikonoxxa li din saret fl-ghalqa in kwistjoni.

Ikkonferma li ghalqa murija fir-ritratti fejn hemm *it-tower crane* hija l-ghalqa in kwistjoni.

Baqa' jinsisti li xtara l-ghalqa, ghalkemm ammetta li l-kuntratt finali kellu jsir malli hallas il-prezz kollu, liema hlas kien ghadu mhux saldat.

---

[2] Xhieda 1 ta' Lulju 2014.

Fuq mistoqsija tal-Qorti jekk Joseph Zammit kellmu biex jieqaf minn dawn ix-xoghlijiet, jew almenu biex iressaq il-*crane* jew biex ma jidholx fuq din l-ghalqa izjed, wiegeb "*Imma ahna konna ghamilna perjodu iehor weqfin ta, il-crane. Voldieri. Ghax qalli jekk jista' ikun kemm tista' tuzahx*".

Xehed ukoll li ma tantx resaq lejn l-ghalqa u ma setax lanqas iforni dettalji dwar il-kuntrattur li qed ihaddem il-*crane.* Hu xehed li l-art hija tieghu u li gja hallas "mitt elf" akkont tal-prezz. Il-kuntratt finali kellu jsir meta il-prezz jithallas fl-intier.

Dwar din ix-xhieda, din il-Qorti difficli temmen li kien daqshekk traskurat fl-affarijiet tieghu li lanqas kien jersaq lejn l-ghalqa.

**<u>Apprezzament tal-Provi</u>**

L-ilment tar-rikorrenti, kif johrog mix-xhieda dettaljata ta' bintha, tirrigwarda s-segwenti:

a) t-tkomplija tal-operazzjoni tal-*crane* li baqa' stallat fl-ghalqa;

b) l-istallar ta' grada b'katnazz

c) uzu mill-ghalqa mill-operaturi tal-*crane* tant li kellha ukoll hsara fil-hsad u anke fil-makkinarju li jintuza ghar-raba'.

Imkien ma hemm allegazzjoni li l-intimat, proprio jew tramite terzi kompla jiskava r-raba', jew jibni fiha jew ihammilha.

Il-Qorti qabblet ir-ritratti esebiti f'dawn l-atti mar-ritratti esebiti fl-atti tal-Mandat u kkonstatat li dawn ta' l-ahhar juru *tower crane* ipposizzjonat fl-ghalqa *in mertu*. Ghalhekk ma jistax jinghad li l-intimat kiser l-ordni tal-Qorti billi qieghed il- *crane* fil-post, jew billi halla lill-terzi iqeghdu lill-*crane* fl-ghalqa tieghu ghaliex il-*crane* gja kien sitwat hemmhekk. Jirrizulta mhux ikkontestat li x-xoghlijiet ta' kostruzzjoni permezz tat-*tower crane* qed isiru, mhux fl-ghalqa fil-pussess vantat tar-rikorrenti, imma f'*plots* attigwi.

Rigward il-grada fl-ghalqa in kwistjoni, din ma tidhirx fir-ritratti esebiti (**Dok AC1** u **AC2** fl-atti tal-Mandat). Madanakollu dawn ir-ritratti ma jurux il-parti li taghti ghat-triq fejn hi ppustjata l-grada izda l-istess Emmanuel Spiteri ammetta fix-xhieda tieghu li l-grada hija, fil-fatt, fl-ghalqa in mertu.

Riferibbilment ghall-invazjoni illecita ta' nies fuq l-ghalqa minhabba l-operat tal-*crane,* ir-rikorrenti esebiet ritratti ta' haddiema u vetturi dehlin fiha.

**<u>Ir-rimedju Rikjest</u>**

Ir-rikorrenti talbet li din il-Qorti tiehu, fil-konfront tal-intimat dawk il-provvedimenti opportuni sabiex jigi assigurat li l-istess intimat jobdi l-ordni superjuri ta' din l-Onorabbli Qorti kif moghtija minnha fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni fuq riferit, biex ma jkomplix jagixxi in disprezz ta' din l-Onorabbli Qorti.

Din il-Qorti ghandha ghad-dispozizzjoni ir-rimedju previst bl-artikolu **873(4)** tal-Kap. 12 kif ukoll l-procedura stabbilita bl-artikolu **1003A** tal-Kap. 12.

**<u>Art 873(4) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta</u>**

**L-artikolu 873 (4) tal-Kap. 12** li jipprovdi:-

*"Illi jekk jigi ppruvat permezz ta' rikors ghas-sodisfazzjoni tal-qorti li wara l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni l-persuna inibita issoktat fix-xoghol jew hatt bi ksur ta' l-ordni tal-qorti, il-qorti ghandha, minghajr pregudizzju ghal kull azzjoni lilha kompetenti, fuq talba tar-rikorrent, tikkundanna lill-persuna li kontriha jkun inhareg il-mandat sabiex tirrimedja dak li ntghamel bi ksur tieghu u fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrenti li jaghmel dawk ix-xoghlijiet kollha rimedjali li l-qorti tista' tordnalu jaghmel bi spejjez tal-persuna inibita".*

Illi huwa ovvju li dan is-subartikolu irid jinqara b'riferenza ghal dak li jipprovdi l-**artikolu 873 (1)** fejn il-mandat ta' inibizzjoni huwa deskritt bhala dak *'li jzomm persuna milli tibda jew tissokta bini jew xoghol iehor ikun li jkun, inkella, milli jhott jew jaghmel tibdil f'bini jew f'xoghol iehor, jew li jzomm persuna milli tidhol f'fond jew lok, jew li taghmel xi haga tkun li tkun li tista' tkun ta' hsara lill-parti li titlob il-hrug tal-mandat".*

Illi meta ssir riferenza ghaz-zewg sub-artikoli jidher car li l-istess ligi qed tipproponi rimedju meta l-persuna li giet ordnata sabiex tiddezisti milli tkompli taghmel ix-xoghol mertu tal-istess mandat ta' inibizzjoni tkompli bl-istess xoghlijiet, pendenti l-ezitu tal-proceduri fuq il-mertu inizjati mill-parti l-ohra, u dan limitatament u fis-sens jekk wara l-ghoti tal-istess digriet ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni x-xoghol jissokta, u tali xoghol ikun tali li jbiddel is-sitwazzjoni kif kienet qeghda fil-mument tal-hrug u n-

notifika tal-mandat, hija tista’ tordna li dak li jkun sar mill-intimat bi ksur tal-istess ordni jigi rimedjat.

Illi dan huwa manifestat mill-fatt li l-istess **subartikolu 873 (4)** jaghmel riferenza unika ghal xoghol rimedjali li ghandu jsir jew mill-intimat u fin-nuqqas mir-rikorrenti ghas-spejjez tal-initmat, sabiex il-posizzjoni tigi re-integrata fl-istat li kienet fil-mument tal-hrug tal-istess mandat kawtelatorju.

Illi din il-Qorti thoss li din hija l-unika interpretazzjoni li tista’ tinghata ghall-istess subartikolu li huwa intiz sabiex jassigura li l-ordnijiet tal-Qorti jigu rispettati u huwa proprju dan li l-istess subartikolu **(4) tal-artikolu 873** appena citat, li  jipprovdi rimedju ghal kull tip ta’ ordni ta’ inibizzjoni anke ghall-inibizzjonijiet ta’ xorta ohra minn dawk ta’ hatt jew xoghlijiet tal-bini, meta l-persuna ordnata biex tieqaf mix-xoghol jew tiddezisti milli taghmel xi haga tinjora din l-ordni u tissokta fl-eghmil taghha kontra l-ordni specifika tal-Qorti u dan pero` bl-iskop specifiku li tigi rispettata l-*istatus quo* li kienet tezisti fil-mument tal-hrug tal-mandat ta’ inibizzjoni bejn il-partijiet pendenti l-ezitu tal-kwistjoni fil-mertu.

Illi din il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li r-rimedju moghti fl-**artikolu 873 (4)** huwa limitat sabiex jithassar dak li sar mill-mument tal-hrug tal-imsemmi mandat sal-prezentata tar-rikors, pendenti l-ezitu finali tal-kawza jew pendenza fuq il-meritu.

Illi dan ovvjament huwa ben differenti mill-kuncett ta’ disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti, msemmi mis-socjeta` intimata fir-risposta taghha, tant li fis-sentenza **“Il-Qorti vs Carmel Damato”** (P.A.) (C.S.) 29 ta’ Marzu 1984, Vol.  LXVIII. iii. 51) intqal:-

*“Illi, in tema legali, jinghad li min jikser obbligu lilu impost mill-Qorti fuq mandat ta’ inibizzjoni tal-parti kuntrarja, jirrendi ruhu hati ta’ disprezz*

*ghall-awtorita` tal-Qorti u xejn ma jiswa li l-motiv li jkun gieghlu jikser dak l-ordni jkun ta' min jissimpitazza mieghu minghajr ma jigi mehud in konsiderazzjoni l-punt legali, ghax mill-punto di vista guridika dak il-motiv mhu ta' ebda valur (Vol. XXXII. iii. 910)".* (Ara wkoll dwar il-proceduri ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti fil-kawza "**L-Pulizija vs Meinrad Calleja**" tat-8 ta' Gunju 1998 (Qorti tal-Magistrati); **Ir-Registratur tal-Qrati Superjuri vs Lygia sive Luigia Saliba**" (P.A. JRM, 7 ta' Mejju 2001).

Illi, minbarra dan, l-akkuza ta' disprezz iggib maghha l-htiega li tigi ppruvata, minn min qieghed jixli, l-intenzjoni tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b'hekk l-awtorita` taghha. (Ara "**Edward Camilleri noe vs Carmelo Vella**" (A.C. 7 t'Ottubru 1997; u "**Il-Qorti vs Antoine R. Camilleri"** – LXXIV. iii. 546).

Ikkonsidrat li r-rimedju kontemplat *ai termini* tal-**artikolu 873 (4) tal-Kap 12,** jipprovdi rimedju mmedjat ghall-fatt li l-intimat li gie ordnat sabiex jieqaf mix-xoghlijiet indikati fid-digriet, jinjora l-istess ordni u jibqa' ghaddej bix-xoghol qisu qatt ma kien xejn, mentri l-proceduri ta' disprezz iwasslu sabiex il-Qorti, fil-kaz ta' htija timponi l-piena hemm stabbilita.

Illi izda fl-indagni taghha din il-Qorti ghandha toqghod fuq il-parametri stabbiliti fil-mandat u fir-rikors tal-lum, liema parametri m'ghandhomx jinghataw interpretazzjoni wiesgha. Il-mandat odjern inhareg sabiex jigu inibiti li jsiru xoghlijiet fl-ghalqa u din il-Qorti tikkonsidra li ma giex ippruvat tali ksur.

Minn ezami tal-provi jirrizulta, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, li l-iskop tar-rikors odjern jmur oltre dawn il-binarji stabbiliti fl-istess **artikolu 873 (4)** u dan peress li dak li r-rikorrenti qed tittenta b'dan ir-rikors huwa li

effettivament iwaqqaf l-agir purche' illegali tal-intimat u mhux sempliciment sabiex il-posizzjoni tigi re-integrata ghall-mument meta nhareg l-istess mandat. Minn paragun tar-ritratti kollha esibiti ma jirrizultax li sar xoghol ta' skavar, jew xoghol ta' bini, jew ta' thammil, jew xoghlijiet ohra fl-ghalqa in kwistjoni minn meta inhareg il-mandat 'il hawn. Iz-zamma tal-*crane* li baqa' fl-istess post sa minn qabel il-hrug tal-mandat imsemmi, u anke l-istallazzjoni ta' grada ma jledux l-ordni ta' din il-Qorti skont il-mandat, u ma jikkostitwixxux "*tkomplija ta' xoghlijiet"* skont it-talba maghmula, ghalkemm jistghu jikkostitwixxu lezjoni ta' jedd ta' pussess xort'ohra.

Mhix il-kompitu ta' din il-Qorti, f'dawn il-proceduri, li toffri protezzjoni ghall-jedd ta' pussess vantat mir-rikorrenti, imma biss biex tassigura li l-ordnijiet taghha huma obduti. Fil-kaz odjern, jkun car li jekk l-intimat, personalment jew tramite terzi, jaghmel xoghlijiet ta' skavar jew ta' bini jew thammil gewwa l-ghalqa u mhux fuq ghelieqi attigwi, allura jkun b'hekk qed jikser l-ordni ta' din il-Qorti. Ir-rimoss tal-*crane* llanjat mhux previst f'dawn il-proceduri u, fil-fehma tal-Qorti, huwa dan ir-rimedju li jista' igib is-serhan tal-mohh li qed tfittex ir-rikorrenti.

Illi kkonsidrat li l-fatt li l-*crane* tkompla jintuza ma biddel xejn fl-ghalqa fl-istat li kien qabel ma nhareg il-mandat. La mir-rikors promotur ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni, lanqas mix-xhieda moghtija f'dawk l-atti, u lanqas mill-ordni ta' din il-Qorti hemm stipulat it-twaqqif tal-operat tat-*tower crane* imma biss it-twaqqif *ta' xoghlijiet fl-ghalqa* in kwistjoni.

Illi galadarba mhix konvinta li gie ppruvat ksur tal-ordnijiet taghha *ai fini* tal-artikolu 873(4) tal-Kap 12, bit-tkomplija ta' xoghlijiet inibiti, lanqas jezistu l-elementi *prima facie* sabiex takkolji allegazzjoni ta' disprezz lejn

l-awtorita' taghha u tirreferi l-kaz ghall-proceduri kontenzjusi *ai termini* tal-artikolu 1003A tal-Kap. 12.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tilqa'** r-risposta tal-intimat, **tichad** it-talba kif dedotta.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------